MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2014

Numru. 22/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Paul Sultana**

Numru 22/2014

Illum 17 ta' Gunju 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Paul Sultana**, ta' hamsa u tletin (35) sena, iben Joseph u Rita neé Sultana, imwieled Rabat, Ghawdex, fis-7 ta' Gunju 1978, u residenti

'Our Dream', Triq il-Komittiva, Xaghra u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 13478(G), akkuzat talli fi Triq il-Gnejna, Xaghra, Ghawdex, nhar 29 ta' Settembru 2009 ghall-habta tal-4.00 ta' filghaxija u fil-granent ta' qabel:

1. sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika u b'hekk xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi wahhal licenzja ta' triq bir-registrazzjoni JAZ 902 u bin-numru BH 905113 ERF E 10 fuq trakk tal-ghamla Bedford, meta l-pjanca tar-registrazzjoni ta' dan l-istess trakk tal-ghamla Bedford hija GAM 887

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ghamel uzu minn numru ta' identifikazzjoni xort'ohra minn dik moghtija mill-Awtorita' dwar it-Transport f'Malta dwar xi vettura bil-mutur.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "C").

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma tali ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza rigward il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tal-imputat, u l-fedina penali (Dok. "B") tieghu, li hija wahda nadifa.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 44(5) tal-Avviz Legali 198/2009, issib lill-imputat Paul Sultana hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------